## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1031/2015**

**RAYMOND AVALLONE (KI 368354M)**
**F'ISMU PROPRJU U BĦALA DIRETTUR U GĦAN-NOM TAS-SOĊJETA'**
**AVA PROPERTIES LIMITED (C11398)**

**VS**

**i. ONOREVOLI PRIM MINISTRU;**
**ii. ONOREVOLI MINISTRU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR;**
**iii. ONOREVOLI MINISTRU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR;**
**iv. L-AWTORITA' TAL-IPPJANAR**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet meħuda dwar l-applikazzjoni PC 55/10, li r-rikorrenti jallegaw illi huma nulli,

invalidi u bla effett stante li jmorru kontra dak provdut fil-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta u dak provdut fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2015, **<u>ir-rikorrent pro et noe</u>** bil-ġurament tiegħu ppremetta:

   a. *Illi ir-rikorrent nomine huwa s-sit ta' binja li tinsab fi Triq l-Imdina, Zebbug, u liema binja hija, fost l-ohrajn, koperta bil-permess numru PA 6461/03;*

   b. *Illi meta r-rikorrent applika u ottjena il-permess ghall-binja tieghu, l-Awtorita intimata imponiet fuqu obbligu li jhalli zona mis-sit tieghu, mhux mibnijja ta' tlett metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu, u dan peress illi s-sit tar-rikorrent kien ikkunsidrat bhala end of scheme plot, u b'hekk l- ischeme ma tispiccax b'hajt ta'appogg mikxuf.*

   c. *Illi r-rikorrent bena is-sit tieghu b'dan il-mod.*

   d. *Illi permezz ta' emenda fil-Pjan Lokali fis-sena 2006, iz-zona in kwistjoni giet ikkunsidrata bhala Area of Containment, izda il-linja ta' tali Area of Containment giet estiza fuq in-naha tal-punent tas-sit proprjeta tar-rikorrent u b'hekk, fl-istess Area of Containment gie inkluz sit illi sallum ghadu mhux zviluppat;*

   e. *Illi peremezz ta'applikazzjoni PC 55/10, l-Awtorita bdiet il-process sabiex iz-zona kollha koperta b'din l-Area of Containment tigi zoned, inkluz is-sit li zdiet fuq in-naha tal-Punent.*

   f. *Illi r-rikorrent kien diga ressaq l-oggezzjonijiet tieghu ghall-mod li bih tali Area of Containment giet estiza li tinkludi sit li ma kienx zviluppat, oltre riservi procedurali ohra.*

g. *Illi skont decizjoni mehuda mill-Awtorita protestata, u tenut ukoll kont tal-fatt illi l-istess Awtorita kient imponiet obbligu fuq r-rikorrent li ma jizviluppax tlett metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit tieghu kollu, is-sit li sallum ghadu mhux zviluppat u li kien inkluz fl-Area of Containment gie dezinjat bhala Undeveloped Open Space.*

h. *Illi skont dak provdut fl-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, tali decizjoni giet riferuta lill-Ministru Responsabbli mill-Ambjent sabiex dana jiehu decizjoni fuq dak deciz mill-Awtorita protestata.*

i. *Illi is-Segretarju Parlamentari intimat, u mhux il-Ministru responsabbli mill-Ambjent, permezz ta' position statement datat 6 ta' Jannar 2015, ikkummenta fuq l-istess decizjoni, u, skont ma jifhem r-rikorrent, baghat lura id-decizjoni mehuda mill-Awtorita intimata u dan sabiex dina terga tiehu decizjoni mill-gdid.*

j. *Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-istess Awtorita bil-bibien maghluqa, l-Awtorita bidlet id-decizjoni precedenti taghha u nehhiet iz-zoning ta' Undeveloped Open Space fuq is-sit li ghadu mhux zviluppat fl-Area of Containment, u approvat zoning ta' zvilupp ta' bini kummercjali jew Industrijali ta' gholi ta'10.5 metri.*

k. *Illi effettivament dan ifisser illi t- tlett metri ma' tul in-naha tal-punent tas-sit kollu proprjeta tar-rikorrent inzammew mhux zviluppati ghalxejn, u dan b'detriment u ghad-dannu ta'l-istess protestant.*

l. *Illi huwa inkoncepibbli kif l-istess Awtorita li imponiet tali restrizzjoni fuq ir-rikorrent issa, minnghajr l-ebda spjegazzjoni, taqbad u tiddeciedi b'mod li bih trendi tali imposizzjoni maghmula minnha stess inutili, bil-konsegwenzi kollha li tali decizjoni iggib maghha.*

m. *Illi dan oltre il-fatt, proceduralment, tali decizjoni ittiehdet bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta'Malta, u fuq position statement li certament huwa ambigwu u minnghajr l-ebda direzzjoni specifika u mahrug minnghajr l-awtorita tal-Ministru*

*responsabbli taht il-provvedimenti tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan oltre il-fatt illi l-Awtorita intimata, bid-decizjoni taghha, li tmur kontra dak provdut fl-artikolu 58 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'decizjoni mehuda bil-bibien maghluqa u minnghajr l-ebda motivazzjoni, ikkagunat danni ingenti lir-rikorrent.*

n. *Illi oltre dan, tali decizjoni tmur kontra dak provdut f-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

o. *Illi l-intimati gew debitament interpellati tramite protest gudizzjarju debitament notifikat sabiex huma, jew minn minnhom, jhassru, jikkancellaw u jreggghu lura dak minnhom illegalment maghmul, filwaqt li l-istess intimati inzammew responsabbli ghad-danni kollha sofferti li li ghad iridu jigu sofferti mir-rikorrent, izda lkoll baqghu inadempjenti, u ghaldaqstant ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent pro et noe talab lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara li d-decizjoni mehuda minnhom reward l-applikazzjoni PC 55/10 hija nulla, invalida u bla effett stante li tmur kontra dak provdut fil-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll kontra dak provdut fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Konsegwentement tiddikjara illi kull decizjoni mehuda minnhom in segwitu ta'dan hija daqstant iehor nulla u bla effett;*

iii. *Tiddikjara illi bl-agir taghhom, l-intimati ikkagunaw danni lir-rikorrenti, u tikkundanna lill-intimati, jew minn minnhom, bhala responsabbli ghal dan;*

iv. *Konsegwentement, u a tenur ta' l-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati, jew minn minnhom, sabiex ihallsu id-danni lir-rikorrenti;*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar it-tlieta (3) ta' Novembru 2015, il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta' nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru 2015, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenuti;

5. B'risposta ġuramentata datata tmintax (18) ta' Novembru 2015, l-**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (illum l-Awtorita' tal-Ippjanar) eċċepiet:

   a. *Preliminarjament l-atturi jridu jressqu prova dwar it-titolu li għandhom għall-proprjeta' mertu tal-kawża, u dan sabiex jirradikaw l-interess ġuridiku meħtieġ għall-prosegwiment ta' din il-kawża;*

   b. *Illi l-Awtorita' esponenti m'hijiex il-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu l-PC application mertu tal-każ, li hija PC application li stabbiliet iz-zoning u l-planning policies li jirregolaw l-area desinjata bħala Area of Containment fil-mappa AC2 tas-South Malta Local Plan, ġiet approvata mill-Ministru kkonċernat u mhux mill-Awtorita' esponenti, u dan skont kif ipprovdut fl-Artikolu 58(2) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta li huwa l-artikolu tal-Liġi li jirregola l-proċedura li trid tiġi segwita sabiex tiġi determinata PC application ta' din ix-xorta;*

   c. *Illi għalhekk ir-rikorrenti m'humiex korretti meta jirreferu għad-deċiżjoni meħuda fuq il-PC application in kwistjoni bħala "deċiżjoni meħuda mill-Awtorita'". L-Artikolu 58(2) tal-Kapitolu 504 jipprovdi testwalment illi "meta l-Awtorita' tħejji policy jew plan sussidjarju jew reviżjoni tiegħu kif hawn aktar qabel imsemmi fuq, hija għandha titlob l-approvazzjoni tal-Ministru"; mingħajr l-imsemmija approvazzjoni ministerjali, l-PC application mertu ta' dawn il-proċeduri ma kien ikollha forza u saħħa ta' xejn;*

d. *Illi d-deċiżjoni fuq il-PC application in kwistjoni, li permezz tagħha l-Ministru kkonċernat approva l-planning policies applikabbli għal area of containment in kwistjoni, ma tikkostitwixxix "egħmil amministrattiv" u għalhekk tali deċiżjoni m'hijiex sindikabbli taħt xi waħda jew aktar mill-kawżali tal-Artikolu 469A tal-Liġijiet ta' Malta;*

e. *Illi b'riferenza għall-paragrafu erbgħa (4) tar-rikors maħluf, jiġi rrilevat li r-rikorrenti m'humiex korretti meta jgħidu li "permezz ta' emenda fil-Pjan Lokali fis-sena 2006, iż-żona in kwistjoni ġiet ikkunsidrata bħala area of Containment, iżda l-linja ta' tali Area of Containment ġiet estiza fuq in-naħa tal-punent tas-sit proprjeta' tar-rikorrent u b'hekk, fl-istess Area of Containment ġie inkluż sit li sallum għadu mhux żviluppat." Iż-żona in kwistjoni ġiet desinjata bħala Area of Containment permezzz tas-South Malta Local Plan li ġie approvat fis-sena 2006. Il-linja ta' demarkazzjoni li tindika u tiddefinixxi l-konfini ta' din iż-żona, hekk kif approvata fil-Pjan Lokali relattiv, ma ġiet bl-ebda mod varjata jew estiża b'xi emenda sussegwenti fis-South Malta Local Plan. Illi l-PC application mertu ta' dawn il-proċeduri tirrigwarda limitatament iż-żona desinjata bħala Area of Containment fil-Pjan Lokali relattiv, tali applikazzjoni m'approvat l-ebda zoning u ma stabbiliet l-ebda planning parameters, fir-rigard ta' xi sit jew żona li taqa' barra mill-konfini tat-territorju desinjat bħala Area of Containment fil-Pjan Lokali relattiv;*

f. *Illi b'riferenza għall-paragrafu għaxra (10) tar-rikors ġuramentat, fejn l-atturi jsostnu li "permezz ta' deċiżjoni meħuda mill-istess Awtorita' bil-bibien magħluqa, l-Awtorita' biddlet id-deċiżjoni preċedenti tagħha u neħħiet iż-zoning ta' Undeveloped Open Space fuq is-sit", l-Awtorita' għal darb'oħra tippreċiża li hija ma ħadet l-ebda deċiżjoni fuq din l-applikazzjoni. Illi l-Artikolu 58(k) tal-Kapitolu 504 tal-Liġjiet ta'Malta jipprovdi li fl-istadju li fih l-Awtorita' esponenti tiġi mgħarrfa, permezz ta' position statement, bil-pożizzjoni finali tal-Ministru fuq il-PC application, hija "għandha minnufih temenda l-pjan sussidjarju skont l-istqarrija ta' pożizzjoni finali tal-Ministru u tippreżentah lill-Ministru*

*għall-approvazzjoni finali tiegħu." F'dan l-istadju l-Liġi ma teżiġi jew tikkontempla ebda proċess ulterjuri ta' konsultazzjoni pubblika, propju għaliex bl-imsemmija stqarrija ta' pożizzjoni, il-Ministru kkonċernat ikun iddikjara l-pożizzjoni finali tiegħu fuq iz-zoning/planning policies li għandhom jiġu applikati u mplimentati għaż-żona mertu tal-PC application. F'dan l-istadju l-MEPA hija obbligata li timplimenta "minnufih" l-emendi meħtieġa u rikjesti mill-Ministru kkonċernat u tgħaddi l-istess applikazzjoni għall-approvazzjoni finali tiegħu (il-Ministru).*

g. *Illi l-Awtorita' esponenti ma tistax u m'għandhiex titqies responsabbli għad-danni allegatament subiti mill-atturi per konsegwenza tad-deċiżjoni meħuda fir-"rigward tal-PC 55/10" u/jew "kull deċiżjoni meħuda in segwitu għal dan", u dan għar-raġunijiet imfissra fl-eċċezzjonijiet imqanqla mill-Awtorita' fit-tieni u t-tielet paragrafu ta' din ir-risposta, billi l-Awtorita' m'għamlet xejn li bih setgħet ikkaġunat xi danni lill-atturi, li f'kull każ iridu jiġu ppruvati. Kull pretensjoni tal-atturi f'dan ir-rigward qed tiġi kategorikament respinta.*

h. *Illi f'kull involviment li kellha l-Awtorita' f'dan il-każ, hija dejjem imxiet in piena konformita' mal-obbligi u l-funzjonijiet fdati lilha skont il-liġi, u ma kkaġunat l-ebda dannu lir-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

6. B'risposta ġuramentata konġuntiva datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2015, l-intimati l-oħra l-**<u>Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp Sostenibblim, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u> (minn issa 'l quddiem *"l-Onorevoli Prim Ministru et"*)** eċċepew:

***<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>***

a. *Illi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti Onor Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima mhuwiex il-leġittimu kontradittur għal pretensjonijiet attriċi u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu illi hu ma kien involut bl-ebda mod fil-kwistjoni mertu tal-kawża odjerna;*

b. *Illi l-azzjoni odjerna kif intavolata hija improponibbli stante illi mhuwiex ċar liema att qiegħed jintalab stħarriġ dwaru u għaldaqstant f'dan ir-rigward l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tordna lir-rikorrenti jindikaw preċiżament għal liema deċiżjoni qegħdin jirreferu u in kwantu qed jintalab stħarriġ ġudizzjarju tal-'position statement' li għamel l-esponent Onor Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

c. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu r-rikorrenti qed jibbażaw it-talba tagħhom fuq l-artikolu 469A, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabilita' ta' dan l-artikolu stante li l-ebda att fir-rigward tal-esponenti li minnu qed jilmentaw ir-rikorrenti ma jaqa' taħt id-definizzjoni ta' għemil amministrattiv;*

d. *Illi l-ewwel talba kif intavolata fir-rikors in risposta hija pjuttost vaga u minħabba f'hekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex jispeċifikaw b'aktar preċiżjoni eżattament taħt liema artikolu tal-liġi r-rikorrenti qegħdin jibbażaw din it-talba tagħhom u f'dan ir-rigward l-esponenti qegħdin preżentement jirriżervaw il-pożizzjoni tagħhom f'każ li jkun hemm bżonn li ssir xi risposta ulterjuri wara li r-rikorrenti jkunu għamlu l-indikazzjonijiet msemmija;*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>***

e. *Illi dato ma non concesso li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-esponenti*

*qegħdin jirrespinġu bil-qawwa kollha l-premessi, allegazzjonijiet u talbiet tar-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

f. *Illi r-rikorrenti jridu neċessarjament iressqu prova dwar it-titolu illi huma għandhom fuq il-proprjeta' mertu tal-kawża odjerna, u dan sabiex jirradikaw l-interess ġuridiku meħtieġ għall-prosegwiment tal-kawża;*

g. *Illi b'riferenza għall-paragrafu erbgħa (4) tar-rikors ġuramentat in risposta, a kuntrarju ta' dak li qed jallegaw ir-rikorrenti, l-esponenti jirrelevaw illi ż-żona in kwistjoni ġiet desinjata bħala Area of Containment fis-sena 2006 u permezz tal-PC application mertu ta' dawn il-proċeduri l-area of containment in kwistjoni bl-ebda mod ma ġiet estiża;*

h. *Illi l-PC application mertu tal-kawża odjerna bl-ebda mod ma biddlet il-parametri tal-Area of Containment u għalhekk il-pożizzjoni tal-proprjeta' tar-rikorrenti fl-Area of Containment kif stabbilita fis-South Malta Local Plan approvat fl-2006 bl-ebda mod ma ġiet mittiefsa u l-linja ta' demarkazzjoni li tindika u tiddefinixxi l-konfini ta' din iż-żona, hekk kif approvat fil-Pjan Lokali relattiv, ma ġiet bl-ebda mod varjata jew estiża u għalhekk il-pożizzjoni tar-rikorrenti dejjem baqgħet l-istess iżda dak li ġara hu li l-fond adjaċenti ser ikun jista' jiġi żviluppat. Illi l-Istat għandu marġini ta' apprezzament wiesgħa f'dak li jirrigwarda żvilupp u kontroll ta' żvilupp. Illi ebda persuna ma għandha dritt li tiżviluppa l-proprejta' tagħha iżda d-dritt huwa li tapplika għal permess ta' żvilupp. Ġaladarba dak li applika għalih ir-rikorrent u dak li ingħatalu bħala permess sabiex jibni inbena u ma kien hemm ebda ċaqliq f'dak il-bini, it-talbiet tar-rikorrenti ċertament li mhux ġustifikati;*

i. *Illi l-PC application mertu tal-kawża odjerna tirrigwarda limitatament iż-żona li kienet diġa' desinjata bħala Area of Containment fil-Pjan Lokali Relattiv u  tali applikazzjoni ma approvat l-ebda zoning u ma stabbilit ebda planning parameters fir-rigward ta' xi sit jew żona li taqa' barra*

*mill-konfini tat-territorju desinjat bħala Area of Containment fil-Pjan Lokali relattiv;*

j. *Illi l-esponenti qatt ma kienu nvoluti fil-ħruġ tal-permess tal-bini tar-rikorrent u wisq inqas fil-limitazzjonijiet ta' bini u żvilupp imposti mill-awtorita' fuq ir-rikorrent;*

k. *Illi fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti f'paragrafi tmienja (8) u disgħa (9) tar-rikors ġuramentat in risposta u cioe illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata rigwardanti l-PC Application mertu tal-kawża odjerna ġiet riferuta lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent u li kien is-Segretarju Parlamentari intimat u mhux il-Ministru responsabbli mill-Ambjent li ħa d-deċiżjoni, l-esponenti jirrelevaw illi l-Awtorita' intimata ma rreferietx id-deċiżjoni tagħha lill-Ministru responsabbli mill-Ambjent iżda lill-esponent Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva li jaqa' taħt il-Prim Ministru u cioe dak li għandu l-mansjoni rigwardanti l-Iżvilupp u l-Ippjanar u li taħtu taqa' l-istess Awtorita' intimata u li għalhekk għandu l-poter nċessarju illi jieħu deċiżjoni dwar l-imsemija PC Application;*

l. *Illi l-position statement tal-esponent Onorevoli Segretarju Parlamentari meħud fir-rigward tal-PC Application u l-approvazzjoni sussegwenti tal-istess PC Application mill-esponent Onorevoli Prim Ministru saru in liena mal-liġijiet u regolamenti viġenti u ttieħdu b'tali mod li jassiguraw illi ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fis-site zoning conditions tas-siti inklużi fl-Area of Containment in kwistjoni;*

m. *Illi in kwantu li l-azzjoni tidher li hija bbażata fuq l-Artikolu 469A, l-esponenti jeċepixxu illi l-Gvern għandu d-dritt illi b'ħarsien sħiħ lejn il-liġi u l-prinċipji li jemanaw minnha jagħmel it-tibdiliet neċessarji skont il-ħtiġijiet tal-pajjiż. Illi d-diskrezzjoni li temana mill-artikolu 58 tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet użata fil-parametri tal-istess artitkolu u li bl-ebda mod ma kien hemm abbuż ta' poter, nuqqas ta' raġjonevolezza jew xi aġir li kien ultra vires dak mistenni mill-istess artikolu. Illi l-esponenti Segretarju Parlamentari u Onor Prim Ministrtu dejjem aġixxew skont*

*dak imponut fuqhom mill-prinċipji u salvagwardji stabbiliti mill-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk bl-ebda mod ma għandhom jiġu meqjusa jew ordnati responsabbli li jirrispondu għall-allegati danni subiti mir-rikorrenti;*

n. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq indikati l-esponenti ma jirrispondu għall-ebda allegati danni u dan peress illi ebda azzjoni min-naħa tal-esponenti ma setgħet tikkaġuna dannu lir-rikorrenti, li fi kwalunkwe każ iridu jiġu pruvati. Illi fl-ebda lok ma jeżistix xi ness bejn id-danni reklamati u l-aġir tal-esponenti. Illi ċertament li l-esponenti qatt ma aġixxew b'mala fede kif jimponi l-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġu akkordati danni taħt dan is-sub-inċiż;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a bażi tas-suespost u abbażi ta' kwalunkwe prova u/jew sottomissjoni li tista' tinġieb skont il-liġi fi kwalunkwe stadju tat-trattazzjoni ta' din il-kawża, li tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

7. Waqt is-seduta tat-tlieta (3) ta' Diċembru 2015, il-partijiet qablu illi kellhom l-ewwel jittellgħu l-provi dwar it-titolu tal-atturi u l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar min hu leġittimu kontradittur f'din il-kawża;

8. Il-provi dwar it-titolu tar-rikorrenti ġew preżentati permezz ta' nota datat ħmistax (15) t'April 2016, b'dana illi l-kwestjoni dwar it-titolu tal-atturi ġiet sorvolata u l-intimati rtiraw din l-eċċezzjoni[1];

9. B'sentenza preliminari mogħtija nhar l-għaxra (10) t'April 2018, din il-Qorti kif diversement presjeduta:

---

[1] Vide para 1-3 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Onor Prim Ministru et, a fol 282-283 tal-proċess, u para A tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, a fol 286 tal-proċess

i. Laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli illi mhuwiex leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni, u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. Ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar illi mhix leġittima kontradittriċi fil-proċeduri odjerni; u

iii. Ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-Prim Ministru et illi l-Prim Ministru u s-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva mhumiex leġittimi kontradittURI fil-proċeduri odjerni;

10. L-Awtorita' tal-Ippjanar appellat minn din id-deċiżjoni, iżda l-appell ġie dikjarat null b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħtija nhar it-tmienja (8) t'April 2019;

11. **Wara digriet t'assenjazzjoni tal-kawża odjerna lil din il-Qorti kif presjeduta maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar 2023, b'digriet datat ħdax (11) ta' Jannar 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għal nhar it-Tlieta, sebgħa (7) ta' Frar 2023;**

12. B'digriet mogħti nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju 2024, din il-Qorti kif presjeduta laqgħet it-talba tar-rikorrenti magħmula permezz ta' rikors datat sebgħa (7) ta' Mejju 2024, u ordnat korrezzjonijiet fl-okkju tal-kawża fis-sens illi l-kliem *"Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima"* ġew sostitwiti bil-kliem *"Onorevoli Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir"*, il-kliem *"Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva"* ġew sostitwiti bil-kliem *"Onorevoli Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar"* u l-kliem *"l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"* ġew sostitwiti bil-kliem *"l-Awtorita' tal-Ippjanar"*;

13. B'digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Lulju 2024, din il-Qorti kif presjeduta laqgħet it-talba tar-rikorrenti magħmula permezz ta' rikors datat sebgħa (7)

ta' Mejju 2024, u ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens illi l-kliem *"Rays Car Hire Limited (C-11398)"* ġew sostitwiti bil-kliem *"AVA Properties Limited (C-11398)"*.

**Il-Qorti**

14. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat tnejn (2) ta' Novembru 2015;

15. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata tmintax (18) ta' Novembru 2015;

16. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Onorevoli Prim Ministru et, datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2015;

17. Rat l-affidavit ta' **Philip Schembri**, immarkat **Dok PM1**, u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 30 *et seq* tal-proċess;

18. Rat il-kuntratti esebiti mir-rikorrent u mmarkati **Dok RA1 sa RA3** bħala prova tat-titolu tiegħu fuq il-proprjeta' msemmija fir-rikors promotur, a fol 57 *et seq* tal-proċess;

19. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija minn **Louis Gatt**, in rappreżentanza tas-**Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar**, prodott mir-rikorrent quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Novembru 2016, a fol 89 *et seq* tal-proċess;

20. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija mill-**Perit Vincent Cassar**, prodott mir-rikorrent quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Novembru 2016, a fol 93 *et seq* tal-proċess, u rat iż-żewġ pjanti minnu esebiti u mmarkati **Dok VC1** a fol 105 tal-proċess u **Dok VC2** a fol 106 tal-proċess;

21. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija minn **Louis Gatt**, in rappreżentanza tas-**Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar**, riprodott

mir-rikorrent quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Diċembru 2016, a fol 108 *et seq* tal-proċess, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok LG1** a fol 112 *et seq* tal-proċess, **Dok LG2** a fol 136 *et seq* tal-proċess, **Dok LG3** a fol 140 tal-proċess, u **Dok LG4** a fol 141 *et seq* tal-proċess;

22. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija minn **Louis Gatt**, in rappreżentanza tas-**Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar**, riprodott mir-rikorrent quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Frar 2017, a fol 146 *et seq* tal-proċess, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok LG5** a fol 150 tal-proċess u **Dok LG6** a fol 151 *et seq* tal-proċess;

23. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija mill-**Perit Vince Cassar**, riprodott mir-rikorrent quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Frar 2017, a fol 181 *et seq* tal-proċess, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok OM1 sa OM7** a fol 186 *et seq* tal-proċess;

24. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija minn **Oliver Magro** in rappreżentanza tal-**Awtorita' tal-Ippjanar**, prodott mill-intimati quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tal-wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2017, a fol 205 *et seq* tal-proċess, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok OM1 sa OM7** a fol 212 *et seq* tal-proċess, u **Dok MEPA1** a fol 226 *et seq* tal-proċess;

25. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda bil-ġurament mogħtija minn **Oliver Magro** in rappreżentanza tal-**Awtorita' tal-Ippjanar**, riprodott mill-intimati quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tal-ħamsa (5) t'Otttubru 2017, a fol 239 *et seq* tal-proċess, u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MC1** a fol 243 *et seq* tal-proċess;

26. Rat l-affidavit ta' **Mario Cutajar**, immarkat **Dok MC1** a fol 254 tal-proċess;

27. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Onorevoli Prim Ministru et datata sittax (16) ta' Frar 2018, a fol 282 *et seq* tal-proċess, illi permezz tagħha ġiet irtirata l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom, u ġiet trattata t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' tal-Ippjanar;

28. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar datata għoxrin (20) ta' Frar 2018, a fol 286 *et seq* tal-proċess, illi permezz tagħha ġiet irtirata l-eċċezzjoni dwar il-prova tat-titolu, u ġiet trattata l-eċċezzjoni preliminari dwar jekk tal-istess Awtorita' hix leġittima kontradittriċi jew le;

29. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2018, a fol 293 *et seq* tal-proċess;

30. **Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta mogħtija nhar l-għaxra (10) t'April 2018 (a fol 303 *et seq* tal-proċess);**

31. **Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) datata tmienja (8) t'April 2019 illi permezz tagħha l-appell intavolat mill-Awtorita' tal-Ippjanar mis-sentenza preliminari ġie dikjarat null;**

32. Rat id-digriet tal-Qorti kif diversement presjeduta mogħti nhar is-sbatax (17) ta' Ġunju 2019, illi permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba tal-partijiet sabiex jiġi nominat Perit Tekniku sabiex jagħmel rapport dwar l-iżvalutar tal-proprjeta' tar-rikorrenti tenut kont tal-*policy* mertu tal-kawża odjerna, u sabiex jikkonstata kif il-PC Application affettwat il-proprjeta' mertu tal-każ odjern jekk hu l-każ. Il-Qorti nnominat għal dan il-għan lill-**Perit Elena Borg Costanzi**, a spejjeż proviżorjament tar-rikorrenti;

33. Rat id-digriet tal-Qorti kif diversement presjeduta mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru 2019, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi tiġi eżonerata mill-inkarigu tagħha peress illi kienet parti mill-Bord tal-MEPA illi kienet approvat il-PC Application mertu tal-każ odjern, u rrevokat in-nomina tal-Perit Elena Borg Costanzi. B'digriet mogħti waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta'

Diċembru 2019, ġie nominat il-**Perit Mario Axisa** bħala Perit Tekniku sabiex jespleta l-istess inkarigu;

34. Rat ir-rapport tal-**Perit Tekniku Mario Axisa** ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2021, u minnu maħluf nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2021 (a fol 360 *et seq* tal-proċess);

35. Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni mogħtija mill-**Perit Tekniku Mario Axisa**, prodott mill-intimati quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2022, a fol 392 *et seq* tal-proċess;

36. Rat in-nota tal-Perit Tekniku Mario Axisa illi permezz tagħha ppreżenta l-*workings* kif obbliga ruħu illi jagħmel waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2022, a fol 415 *et seq* tal-proċess;

37. Rat l-affidavit tal-attur **Raymond Avallone** immarkat **Dok RA4** a fol 421 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

38. Rat l-affidavit tal-**Perit Raymond Vassallo** mmarkat **Dok RA5** a fol 467 *et seq* tal-proċess, u d-dokument anness miegħu;

39. Rat id-dokumenti esebiti permezz ta' nota ġuramentata mill-Awtorita' tal-Ippjanar nhar is-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2022, a fol 476 *et seq* tal-proċess;

40. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Raymond Avallone**, prodott mill-Awtorita' tal-Ippjanar in kontro-eżami waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Mejju 2023[2];

41. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit Ray Vassallo**, prodott mill-Awtorita' tal-Ippjanar in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Ġunju 2023[3];

---

[2] It-traskrizzjoni tinsab a fol 557 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tinsab a fol 583 *et seq* tal-proċess

42. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Raymond Avallone**, riprodott mill-Awtorita' tal-Ippjanar in kontro-eżami waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Ġunju 2023[4];

43. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit David Vassallo**, prodott mill-Awtorita' tal-Ippjanar waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2023[5];

44. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Raymond Avallone**, riprodott mill-Awtorita' tal-Ippjanar in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2023[6], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok ST1** a fol 621 tal-proċess u **Dok ST2** a fol 622 tal-proċess;

45. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Norbert Bugeja**, prodott mill-Awtorita' tal-Ippjanar waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Diċembru 2023[7], u rat id-dokumenti minnu esebiti u kollettivament immarkati **Dok NB1** a fol 630 *et seq* tal-proċess;

46. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Ian Galea**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2024[8], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok IG1 sa IG4** a fol 694 *et seq* tal-proċess;

47. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit Joseph Scalpello**, prodott mill-Onor Prim Ministru et waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) t'April 2024[9];

48. Rat id-digriet mogħti nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju 2024, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba tar-rikorrenti magħmula permezz ta' rikors datat sebgħa (7) ta' Mejju 2024, u ordnat korrezzjonijiet fl-okkju tal-kawża fis-sens illi l-kliem *"Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u tibdil fil-Klima"* ġew sostitwiti bil-kliem *"Onorevoli Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u*

[4] It-traskrizzjoni tinsab a fol 591 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tinsab a fol 603 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tinsab a fol 616 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tinsab a fol 626 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tinsab a fol 686 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tinsab a fol 713A *et seq* tal-proċess

*Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir"*, il-kliem *"Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva"* ġew sostitwiti bil-kliem *"Onorevoli Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar"* u l-kliem *"l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"* ġew sostitwiti bil-kliem *"l-Awtorita' tal-Ippjanar"*;

49. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit Joseph Scalpello**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tmintax (18) ta' Ġunju 2024[10];

50. Rat id-digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Lulju 2024, illi permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent magħmula permezz ta' rikors datat sebgħa (7) ta' Mejju 2024, u ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawża fis-sens illi l-kliem *"Rays Car Hire Limited (C-11398)"* ġew sostitwiti bil-kliem *"AVA Properties Limited (C-11398)"*;

51. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrent pro et noe, datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2024, a fol 742 *et seq* tal-proċess;

52. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Awtorita' tal-Ippjanar, datata għaxra (10) ta' Jannar 2025, a fol 759 *et seq* tal-proċess;

53. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Onorevoli Prim Ministru et, datata wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2025, a fol 771 *et seq* tal-proċess;

54. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

55. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

## A. <u>In-Natura tal-Azzjoni Odjerna</u>

[10] It-traskrizzjoni tinsab a fol 731 *et seq* tal-proċess

56. Mhux qiegħed jiġi kontestat il-fatt illi l-kawża odjerna hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju t'egħmil amministrattiv intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti, fl-ewwel talba tagħhom, ir-rikorrenti jagħmluha ċara illi huma qed jitolbu stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni meħuda mill-intimati jew min minnhom *"regward l-applikazzjoni PC55/10",* liema deċiżjoni qed jallegaw illi hija *"nulla, invalida u bla effett stante li tmur kontra dak provdut fil-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll konra dak provdut fl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*;

57. Jibda biex jiġi mfakkar illi huwa prinċipju ben risaput illi kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva m'huwiex ekwivalenti għal appell. Tispjega l-awtriċi **Barnett** fil-ktieb ***Constitutional and Administrative Law***[11]:

> *Judicial review must be distinguished from an appeal against a decision. The court and tribunal structure provides a more or less rational appeal structure for those aggrieved by a judicial decision. The appellate court will have the power to reconsider the case and to substitute its own decision for that of the lower court. An appeal may be made on both the law and the facts of the case, so that a full re-hearing may take place. Judicial review, by contrast, is concerned solely with the manner in which the decision maker has applied the relevant rules: it is thus procedural in nature. It is not for the court – in judicial review proceedings – to substitute its judgement for that of the decision-making body to which powers have been delegated, but, rather, to ensure that the adjudicator has kept within the rules laid down by statute and the common law. In short, the role of the courts in judicial review is to exercise a supervisory, not an appellate, jurisdiction. Judicial review 'is not an*

[11] Barnett Hilaire, *Constitutional and Administrative Law* (10th Edn, Routledge, 2013) p. 568-569

*appeal from a decision, but a review of the manner in which the decision was made'* [Per Lord Brightman in *Chief Constable of the North Wales Polices v Evans* (1982), p 1174].

*[...]*

*Differences also exist in the respective outcomes of appeal and judicial review. In the case of appeals, where the appeal is successful, it will usually result in a new decision being substituted for the previous decision. In the case of review, a successful case will usually result in the previous decision being nullified – or quashed – but no new decision will be put in its place. Instead, the body in relation to which a successful application for judicial review has been made will be directed to redetermine the case according to the correct rules ad procedure, and it is by no means inevitable that the decision reached according to the lawful procedure will be more favourable to the individual than the original decision.*

58. Dan il-prinċipju ġie wkoll ritenut mill-Qrati Maltin f'deċiżjonijiet dwar kawżi ta' din ix-xorta. Hekk, per eżempju, din il-Qorti kif diversement preseduta, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Halima Zbat vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[12], irrilevat:

*Jibda biex jiġi ribadit minn din il-Qorti, li bl-azzjoni kif proposta, din ma għandhiex ġurisdizzjoni li tagħti rimedji f'każ li it-talbiet jiġu [milqugħa]. Il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-awtorita' amministrattiva, iżda l-Artikolu 469A tal-Kap 12 jagħti*

[12] Rik Nru 1121/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ T Abela, 22 ta' Settembru 2022 (in ġudikat)

*biss il-poter lill-qrati jissindikaw il-validita' tal-egħmil amministrattiv u jekk ikun il-każ jiddikjaraw tali egħmil null, invalidu u bla effett. (Ara sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet* ***AE Francis Busuttil & Sons Limited vs Kontrollur tad-Dwana,*** *Qorti tal-Appell [Superjuri].)*

*Dan ifisser, li meta l-Qorti tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tidħolx fil-mertu jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, imma tindaga biss jekk dan kienx skond il-liġi, jiġifieri jekk ġiex applikat fil-qafas tas-setgħat mogħtija mil-liġi. Għalhekk l-istħarriġ ġudizzjarju huwa mezz fundamentali biex jaċċerta li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi rispettata s-saltna tad-dritt. Għalhekk, meta Qorti tiskrutinja għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorita' pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidiha.*

59. Għaldaqstant, il-mansjoni ta' din il-Qorti fil-kawża odjerna hija limitata għal indaġini dwar jekk id-deċiżjoni meħuda mill-intimati jew min minnhom hijiex waħda illi hija *ultra vires* għal xi waħda mir-raġunijiet kontemplati taħt l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew le. Mill-bqija, din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza illi tissostitwixxi d-deċiżjoni illi minnha qed jilmentaw ir-rikorrenti.

## B. <u>Il-Fatti Saljenti tal-Każ Odjern</u>

60. In suċċint, il-fatti tal-każ odjern huma s-segwenti:

   a. Ir-rikorrent noe huwa s-sit ta' binja fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, koperta bil-permessi bin-numri PA 5033/93, PA 7344/98, PA 5078/02,

u PA 6461/03[13]. Huwa jsostni illi fiż-żmien illi fih akkwista l-proprjeta' u applika u ottjena l-permess għall-binja tiegħu, huwa ġie informat illi l-permess għal żvilupp kien joħroġ biss jekk iħalli *curtilage* ta' tliet metri. Infatti, f'ittra miktuba għan-nom tiegħu mill-Perit Raymond Vassallo fl-applikazzjoni bin-numru PA 7344/98 datata l-24 ta' Diċembru 1998 waqt illi kien qed jiġi żviluppat is-sit fit-termini tal-permess bin-numru PA 5033/93, il-Perit qal, *"The works covered by PA 5033/93 will result in a blank side wall at the East boundary of the eventual building. In my opinion, this will not be visually appropriate from a planning point of view. [...] Since works are already in progress, as explained above, my client is anxious to achieve a 'complete' development in one straight construction phase. This will be convenient all around, and will avoid abortive expense, such as may be incurred by implementing a second construction phase some time in the future. For this reason, it is being proposed to slightly extend the building footprint at street level and above it, to the East, as indicated in the drawings. A three metre side curtilage has been allowed, meaning that the whole footprint will not be utilised. The proposed side curtilage has the advantage of leaving the options open in the context of the Local Plan, which Plan will therefore not be prejudiced."*[14];

b. Sussegwentement, wara li ħareġ il-permess bin-numru PA 06461/03, ġie adottat il-Pjan Lokali tan-Nofsinhar ta' Malta (*South Malta Local Plan*), li stabbilixxa *Areas of Containment,* inkluż taż-żona illi fih tinsab il-proprjeta' tar-rikorrent. Il-**Perit Vincent Cassar** jispjega illi meta ġie adottat il-Pjan Lokali diġa kien hemm żvilupp f'din iż-żona (inkluż tar-rikorrent), u dan minkejja illi kienet *Outside Development Zone*[15];

---

[13] Vide applikazzjoni mmarkata **Dok MEPA1** a fol 226 *et seq* tal-proċess
[14] Vide **Dok IG2** a fol 700 tal-proċess
[15] A fol 94 tal-proċess

c. Eventwalment, bil-Planning Control (PC) Application Nru 55/2010[16], l-Awtorita' tal-Ippjanar għamlet proposta *"To establish zoning and building height limitation and road alignment of the Area of Containment Site"*, u dan kif qed jirriżulta mill-pjanta illi qed tiġi hawn taħt riprodotta[17]. Skont dan il-pjan (**PC 0055/10/16**), il-parti mmarkata bil-vjola kienet il-parti żviluppabbli, u allura ġew stabbiliti l-*building heights* u *road alignments* fuqha[18]. F'din il-pjanta, il-proprjeta' tar-rikorrent hija l-aħħar sit bil-kulur vjola fil-pjanta illi qed tiġi hawn taħt riprodotta, li għandha l-*curtilage* madwarha indikat bil-kulur aħdar, filwaqt illi l-proprjeta' adjaċenti għall-istess *curtilage* hija proprjeta' ta' terzi illi ġiet desinjata bħala *undeveloped open space*. Importanti illi jiġi osservat illi ż-żona desinjata bħala *undeveloped open space* kienet ukoll tifforma parti mill-*Area of Containment,* kif tindika l-linja maqtugħa bil-kulur aħmar:




Din l-applikazzjoni ġiet approvata mill-Planning Board tal-Awtorita' nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2011, u r-rapport tal-Awtorita' għadda għand il-Prim Ministru b'ittra datata tlieta (3) ta' Novembru 2011 għall-konsiderazzjoni tiegħu fit-termini tal-Artikolu 58(2) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta[19];

[16] **Dok LG1** a fol 112 *et seq* tal-proċess
[17] **Dok VC1** a fol 105 tal-proċess
[18] Xhieda tal-**Perit Vincent Cassar** a fol 102 tal-proċess
[19] **Dok LG2** a fol 136 tal-proċess

d. Ġara iżda illi l-Bord ma rċieva l-ebda risposta da parti tal-Prim Ministru, b'dana illi l-PC Application, sa dan l-istadju, kien għad m'għandha saħħa ta' xejn[20]. Għaldaqstant, taħt Gvern ġdid fl-2013, b'ittra datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 2013, ir-rapport dwar PC 0055/10 reġa' ntbagħat mill-Bord lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru[21] għall-konsiderazzjoni tal-Prim Ministru;

e. B'risposta datata sitta (6) ta' Jannar 2015, l-Onor Dr Michael Falzon fil-kwalita' tiegħu ta' Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni tal-Proċeduri Amministrattivi, qal, *"It is this Government's intention that the previous Administration's direction be concurred with. Therefore, in view that the whole site has been earmarked as an area of containment, the same parameters for the whole site are to be applied. This also serves to ensure consistency throughout the same site and also enhances continuity between successive Administrations."*[22]

f. Il-pjan għalhekk ġie rivedut (**PC 0055/10/17**), u infatti l-pjan rivedut ġie għal darb'oħra mibgħut lis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni tal-Proċeduri Amministrattivi fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-konsiderazzjoni tiegħu, fit-termini tal-Artikolu 58(2) tal-Kap 504 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-pjan ġie rivedut kif isegwi[23]:




[20] Xhieda ta' **Oliver Magro** a fol 206 tal-proċess
[21] **Dok OM4** a fol 219 tal-proċess
[22] **Dok OM5** a fol 220 tal-proċess
[23] **Dok VC2** a fol 106 tal-proċess

Iż-żona illi fl-ewwel pjanta kienet indikata bħala *Undeveloped Open Space* issa ġiet żviluppabbli, inkluż il-*curtilage* illi kien ħalla r-rikorrent madwar il-proprjeta' tiegħu;

g. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni tal-Proċeduri Amministrattivi approva t-tieni pjan (PC 0055/10/17) nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju 2015, kif jirriżulta minn **Dok OM7** a fol 223 tal-proċess;

61. Meqjus il-premess, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid illi huwa ntavola l-kawża odjerna għal stħarriġ ġudizzjarju ta' żewġ deċiżjonijiet:

**(a) Il-*position statement* tas-Segretarju Parlamentari datata sitta (6) ta' Jannar 2015, u**

**(b) L-approvazjoni tal-pjan amendat (cioe PC 0055/10/17).**

## C. <u>Egħmil Amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>

62. L-ewwel punt illi għandu jiġi trattat huwa naturalment jekk dawn iż-żewġ deċiżjonijiet illi r-rikorrent qed jilmenta minnhom jikkostitwixxux *'egħmil amministrattiv'* fis-sens rikjest mill-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti, kemm l-Awtorita' tal-Ippjanar, kif ukoll il-Prim Ministru et, fir-risposti rispettivi tagħhom għar-rikors promotur, isostnu illi d-deċiżjonijiet li minnhom qed jilmenta r-rikorrent ma jikkostitwixxux *'egħmil amministrattiv'*[24];

[24] Para 4 tar-risposta ġuramentata tal-Awtorita' tal-Ippjanar u Para 3 tar-risposta ġuramentata tal-Prim Ministru et

63. Jiġi mfakkar illi l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi '***egħmil amministrattiv***' bħala *"il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità"*.

- ***Il-position statement tas-Segretarju Parlamentari datat sitta (6) ta' Jannar 2015***

64. M'hemm l-ebda dubju illi l-*position statement* tas-Segretarju Parlamentari datat sitta (6) ta' Jannar 2015 **mhuwiex** egħmil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

65. Ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Elton Taliana vs L-Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali et***[25], b'referenza għal ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, *"Il-pozizzjoni ta' dawn il-qrati fir-rigward tal-interpretazzjoni tat-terminu "decizjoni" fl-Artikolu 469A hija wahda cara u kostanti: hija biss decizjoni ahharija u li torbot li hija suggetta ghal stharrig gudizzjarju ai termini ta' dan l-artikolu."*;

66. L-Artikolu 58(2) tal-Kap 405 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara illi l-*position statement* tal-Ministru mhix deċiżjoni aħħarija, u infatti, skont l-Artikolu 58(2)(i), l-Awtorita' tista' tiddikjara illi ma taqbilx mal-Ministru, u tħejji stqarrija ta' pożizzjoni hi stess u tirriferiha lura lill-Ministru, illi, min-naħa tiegħu, iħejji stqarrija ta' pożizzjoni finali, illi sussegwentement tiġi adottata mill-Awtorita' u approvata mill-Ministru. Issa fil-każ odjern, l-Awtorita' jidher illi qablet mal-*position statement* tal-Ministru, pero, fil-fehma tal-Qorti, xorta waħda ma jistax jingħad illi l-*position statement* kien jikkostitwixxi deċiżjoni finali. Huwa biss permezz tal-approvazzjoni tal-Ministru illi d-deċiżjoni tista' titqies bħala waħda finali, liema deċiżjoni jidher illi ngħatat aktar tard f'Ġunju 2015;

[25] Rik Nru 177/14, Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Lulju 2020

67. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax taqbel mar-rikorrent illi l-*position statement* tas-Segretarju Parlamentari jirrappreżenta deċiżjoni soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

- ***L-Approvazzjoni tal-Pjan Emendat (PC 0055/10/17)***

68. L-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward huwa prattikament identiku għal dak fil-kawża fl-ismijiet ***Malcolm Mallia et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et***[26], illi kien ukoll jirrigwarda każ fejn ir-rikorrent kien qed jilmenta mill-proċedura adoperata mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tbiddel Pjan Lokali permezz ta' PC Application. Ingħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta:

> *Il-mistoqsija hi jekk l-Awtorita konvenuta hijiex tagixxi ultra vires f'dak li qeghda taghmel biex tvarja l-pjan lokali, minkejja li hemm applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp u fil-prezent japplikaw policies li huma iktar favorevoli ghall-applikant fis-sens li jista' jsir iktar zvilupp minn dak li jkun jista' jsir jekk jigi adottat il-pjan rivedut? F'dan kollu l-atturi jsostnu li l-Awtorita qeghda tagixxi kontra l-ligi.*
>
> *Il-qorti m'ghandix dubju li permezz ta' dawn it-talbiet l-atturi jridu li jsir stharrig amministrattiv tal-eghmil tal-Awtorita konvenuta. Il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-atturi qeghdin jistiednu lill-qorti biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ma' dik tal-Awtorita. M'hemmx dubju li skond il-Kap. 356* [illum Kap 504] *hi l-Awtorita konvenuta u l-Ministru li ghandhom il-poter li jhejju jew jirrevedu pjan sussidjarju. Madankollu, hu ovvju wkoll li*

[26] Ċit Nru 562/2010, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A Ellul, 6 ta' Lulju 2012 (in ġudikat)

*f'dan l-ezercizzju l-Awtorita xorta tibqa' suxxettibbli li tigi ssindakata mill-qorti ghal mod kif tipprocedi u biex jigi accertat jekk tkun agixxiet ultra vires ovvjament a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 469(A)(b) tal-Kap. 12.*

69. Madanakollu, imbagħad, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Giulia Briffa vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et***[27] illi fiha l-ilment tar-rikorrenti kien illi l-fatt illi l-art tagħha ġiet inkluża f'żona ta' *Public Open Space* fil-Pjan Lokali tal-2006 kien leżiv għad-drittijiet fundamentali tagħha, ingħad:

(a) *Il-pjan lokali m'huwiex att amministrattiv kif definit fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal sentenza li nghatat minn din il-qorti fis-17 ta' Gunju 2013 fil-kaz* ***Falcon Investments Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar****. Dak il-provvediment jipprovdi ghall-stharrig ta' ghemil amministrattiv fil-kaz ta' "ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika.". Kliem li ghandu jigi nterpretat ejusdem generis, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Carmelo Borg vs Il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et****, 8 ta' Novembru 2005. Din il-qorti m'hijiex tal-fehma li pjan lokali jista' jikkwalifika bhala att amministrattiv jekk l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jigi nterpretat ejusdem generis.*

(b) *Att amministrattiv normalment jolqot persuna partikolari. Mhux l-istess jinghad fil-kaz ta' pjan lokali.*

(c) *B'ligi l-Awtorita' intimata ghandha obbligu li tapplika l-pjanijiet lokali fl-ipprocessar ta' applikazzjoni (Artikolu 69 tal-Kap. 504). Din m'hijiex kwistjoni ta' diskrezzjoni.*

---

[27] Rik Nru 41/2011, Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ A Ellul, 21 ta' Ġunju 2013 (in ġudikat)

(d) *Li jigi kwalifikat bhala ghemil amministrattiv jkun ifisser li l-qorti tkun tista' tissindika l-pjan lokali dwar jekk huwiex ragonevoli. Fil-fehma tal-qorti din ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur meta fl-Att relattiv ipprovda li l-Awtorita' ghandha tapplika l-pjanijiet meta tigi biex tiddeciedi dwar applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp.*

70. F'***Falcon Investments Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et***[28], il-Qorti trattat ukoll ilment dwar l-adozzjoni ta' pjan lokali illi kien jolqot b'mod sfavorevoli proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, u qalet:

*8. Meta tipprocessa applikazzjonijiet ghall-permessi ta' zvilupp l-Awtorita' ghandha dmir li tapplika l-pjanijiet lokali. Certament li l-qrati tal-gustizzja ghandhom gurisidizzjoni li* ***jistharrgu jekk fit-thejjija tal-pjan lokali l-Awtorita' segwitx il-procedura kontemplata mil-ligi****. Dan irrispettivament jekk l-ezercizzju jsir taht l-Artikolu 469A(b)(ii) tal-Kap. 12 jew a bazi ta' principji ohra ta' ligi.*

*[…]*

*Fl-eccezzjonijiet l-Awtorita' ghamlet riferenza ghall-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12, li jipprovdi ghall-perjodu ta' dekadenza li fih azzjoni ta' eghmil amministrattiv ghandha tigi proposta. Il-qorti ghandha dubji serji kemm dan il-provvediment japplika ghall-kaz in ezami meta tqies li l-ligi taghti l-poter lill-Awtorita' sabiex, bl-awtorizazzjoni tal-Ministru, taghmel pjanijiet sussidjarji li jorbtu lic-cittadin u bis-sahha tal-istess ligi l-Awtorita' ghandha d-dmir li tapplika l-istess pjanijiet fl-ipprocessar ta' applikazzjoni ghall-zvilupp (Artikolu 33 tal-Kap. 356).*

[28] Ċit Nru 1198/2011, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ A Ellul, 17 ta' Ġunju 2013 (in ġudikat) (emfasi ta' din il-Qorti)

*Ghal din il-qorti l-pjan lokali iktar jikkwalifika bhala ligi sussidjara milli att amministrattiv, li wara kollox ma japplikax ghall-persuna wahda imma japplika fil-konfront tac-cittadin in generali. Il-qorti temmen li l-Legislatur ta l-poter lill-Awtorita' sabiex taghmel il-pjani sussidjarji meqjus ukoll id-dettall li wiehed irid jidhol fih u wkoll l-aspett tekniku; "There is no more characteristic administrative activity than legislation. Measured merely by volume, more legislation is produced by the executive government than by the legislature. All the orders, rules and regulations made by ministers, departments and other bodies owe their legal force to Acts of Parliament….. Parliament is obliged to delegate very extensive law-making power over matters of detail, and to content itself with providing a framework of more or less permanent statutes. Law-making power is also vested in local authorities, utility regulators and like bodies, which have power to make byelaws.".*

*Taht dan l-aspett il-qorti tqies li l-pjan lokali jista' jigi kkontestat taht l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza **Carmelo Borg vs IlMinistru responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et** (839/2005) deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Novembru 2005 li kkonfermat li l-ligi sussidjarja tista' tigi kkontestat a bazi ta' dan il-provvediment.*

71. Finalment, imbagħad, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Flimkien għal Ambjent Aħjar et vs Dr Eng Christopher Ciantar pro et noe et***[29]:

*[L]-Qorti minn qari tad-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' taht l-artikolu 469A Kap 12 hija wkoll tal-*

[29] Rik Ġur 75/2007, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Vella Cuschieri, 15 ta' Lulju 2021 (in ġudikat) (emfast ta' din il-Qorti)

*fehem li l-'Mozzjoni 245' datata 26 ta' Lulju, 2006 li permezz taghha l-parlament u cioe' l-legislattiv approva r-revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ghall-Gzejjer Maltin (l-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni), bl-ebda tigbid ta' interpretazzjoni ma tista' tigi nkwadrata f'din id-definizzjoni u ghalhekk taqa' barra l-iskop tal-proceduri odjerni.* ***L-istess jinghad dwar l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali da parti tal-Ministru responsabbli*** *stante li ma tinkwadra ruhha u ma tikkwalifikax bhala hrug ta' ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li sar minn awtorita' pubblika kif tghid il-ligi.*

72. Meqjus il-premess, din il-Qorti għalhekk tikkonkludi illi dak illi filwaqt illi **hija għandha l-ġurisdizzjoni tindaga jekk fil-proċedura illi wasslet sabiex ittieħdet id-deċiżjoni ġietx segwita l-proċedura kontemplata fil-liġi**, hija m'għandhiex il-ġurisdizzjoni illi tindaga jekk effettivament il-*policies* illi daħlu fis-seħħ bil-PC Application 0055/10 humiex raġonevoli jew le. Dan stante illi dawn tal-aħħar ma jikkostitwixxux għemil amministrattiv fl-ambitu tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## D. <u>L-Ilment fil-Mertu</u>

73. Minkejja illi fir-rikors promotur ma jiġix preċiżament indikat taħt liema sub-inċiż tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 ir-rikorrent qed jikwadra l-azzjoni tiegħu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jindika illi qed jilmenta:

   (a) Mill-fatt illi s-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva u/jew il-Prim Ministru kienu qed jiġu kkonsultati u jagħtu approvazzjonijiet li ma kinux awtorizzati illi jagħmlu, b'dana illi d-deċiżjoni kienet għalhekk *ultra vires* fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(i); u

(b) Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva ma tax raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, b'dana illi d-deċiżjoni tiegħu kienet *ultra vires* fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii);

- **L-Artikolu 469A(b)(i): *"Meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu"***

74. L-Artikolu 58(2) tal-Kap 504 jistabbilixxi illi, *"Meta l-Awtorità tħejji policy jew pjan sussidjarju jew reviżjoni tiegħu kif hawn aktar qabel imsemmi fuq, hija għandha titlob l-approvazzjoni tal-Ministru skont il-proċedura li ġejja:"*. L-Artikolu 2 tal-Kap 504 imbagħad jispeċifika illi *""il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent"*;

75. Ir-rikorrent jikkontendi illi din ir-referenza kellha tapplika għall-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, illi fl-2015 kien l-Onor Leo Brincat, b'dana illi jsostni kien dan il-Ministru illi kellu jagħti l-approvazzjoni għall-*policies* adottati skont il-PC Application 0055/10;

76. Jiġi mfakkar illi bis-sentenza *in parte* mogħtija fl-għaxra (10) t'April 2018, din il-Qorti kif diversement presjeduta lliberat lill-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima (illum l-Onorevoli Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir) mill-osservanza tal-ġudizzju. Dan wara illi kkummentat kif isegwi:

> *Illi l-Qorti fittxet fil-website tal-justiceservices.gov u taħt il-Kap. 356 - Development Planning Act hemm indikat li All subsidiary legislation has been transposed to Cap. 504 in accordance with Act X of 2010. Din is-site tibghatek fuq l-Environment and Development Planning Act li tindika li All subsidiary legislation made under this Act has been transferred to Subsidiary Legislation made under Cap. 549 or Cap. 552 respectively. Fil-Kap. 504 fuq din is-site nsibu pprovdut hekk taht l-artikolu 58:*

*58(1) In the preparation or review of a subsidiary plan or policy, the procedure set out in this article shall be followed with respect to the said plan or policy.*
*(2) Where the Authority prepares a subsidiary plan or policy or review thereof as aforesaid, it shall seek the Minister's approval in terms of the following procedure.*

*Mid-dokumenti ezibiti (ara per ezempju dokument a fol. 243 u Dok. PS1-5 a fol. 31 et seq) u mix-xhieda prodotti jirrizulta li l-MEPA taqa' direttament taht l-ufficcju tal-Prim Ministru li imbaghad jiddelega huwa x-xoghol lin-nies ta' tahtu. Ghalhekk il-Prim Ministru hu u kien responsabbili ghal Malta Enviroment and Planning Authority.*

77. Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tar-rikorrent. Ma jagħmilx sens, fil-fehma tal-Qorti, illi approvazzjoni ta' *policy* li ser taffettwa Pjan Lokali, ma ssirx mill-Ministru illi taħtu kienet taqa' l-MEPA, cioe l-Prim Ministru. Skont il-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Marzu 2013[30], kien inħatar l-Onor Dr Michael Farrugia bħala Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. **Philip Schembri**, fl-affidavit tiegħu[31], jgħid illi, *"l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) ma taqax taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, u dan sa minn meta dan il-Ministeru twaqqaf f'Marzu 2013."* Ikompli, *"Ngħid ukoll illi l-MEPA taqa' taħt id-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u dan sa minn Marzu 2008."* Infatti fl-istess Gazzetta tal-Gvern suriferita ta' Marzu 2013, il-*portfolio* tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jinkludi biss Politika dwar it-Tibdil fil-Klima, Politika Ambjentali, Strateġija dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart, Parks Nazzjonali, Afforestazzjoni u l-Ħarsien tal-Kampanja, Żvilupp Rurali, Agrikoltura, Ortikoltura, Sajd, Akwakultura, Ħarsien tal-Annimali u

[30] **Dok PS1** a fol 31 *et seq* tal-proċess
[31] **Dok PM1** a fol 30 tal-proċess

Servizzi Veterinarji[32], filwaqt illi l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kellu fil-*portfolio* tiegħu, *inter alia*, il-Koordinazzjoni tal-Ippjanar, Politika u Prijoritajiet, u l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA)[33];

78. Jiġi nnotat ukoll illi kemm il-korrespondenza tat-3 ta' Novembru 2011 (**Dok LG2** a fol 136 tal-proċess), kemm tal-25 ta' Lulju 2013 (**Dok LG3** a fol 140 tal-proċess) u kif ukoll tal-24 t'April 2015 (**Dok LG4** a fol 141 tal-proċess) intbagħtu mill-Bord fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta tal-Ambjent u l-Ippjanar lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bl-aħħar żewġ korrespondenzi indirizzati speċifikament lis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

79. Fi kwalunkwe każ, ġie konfermat ukoll minn **Louis Gatt[34]** illi l-firma illi tidher fuq ir-rapport[35] dwar il-pjan PC 55/10/17 (li ġie adottat) anness mal-korrespondenza tal-24 t'April 2015, hija l-firma tal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, cioe fl-2015;

80. Minkejja illi huwa minnu illi, kif isostni r-rikorrent, la l-*position statement* u lanqas l-approvazzjoni finali ta' Ġunju 2015 ma jindikaw b'mod ċar illi s-Segretarju Parlamentari kien qed jiddeċiedi għan-nom tal-Prim Ministru, din il-Qorti taqbel ma' dak sostnut mill-Prim Ministru et fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, u aċċennat ukoll minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza *in parte*, illi s-Segretarju Parlamentari kellu d-delega mill-Prim Ministru, bħala l-persuna responsabbli mill-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar dak iż-żmien, illi jieħu deċiżjonijiet f'dak illi jirrigwarda l-Ippjanar, ai termini tal-Kap 324 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa inkonċepibbli illi titwaqqaf il-pożizzjoni ta' Segretarju Parlamentari illi jkun responsabbli mill-Awtorita' tal-Ippjanar, illi ma jkollux is-setgħa illi jieħu deċiżjonijiet dwar l-Ippjanar, speċjalment f'dawk illi huma deċiżjonijiet illi mhumiex finali, bħalma kien il-*position statement* ta' Jannar 2015;

[32] A fol 34 tal-proċess
[33] A fol 33 tal-proċess
[34] A fol 148 tal-proċess
[35] A fol 170 tal-proċess

81. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tarax illi hemm x'tiċċensura fil-fatt illi l-approvazzjoni illi permezz tagħha ġiet finalment approvata l-PC Application 0055/10 ġiet iffirmata mis-Segratarju Parlamentari intimat (illum sostitwit bil-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar).

- **<u>L-Artikolu 469A(b)(ii)</u>: *"<u>Meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil</u>"***

82. Ir-rikorrent jilmenta illi s-Segretarju Parlamentari ma tax raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu illi permezz tagħha m'approvax il-pjan PC 0055/10/16;

83. Fl-ewwel lok jingħad illi in kwantu qed issir referenza għall-*position statement*, illi ġie eskluż mis-sindikar tal-Qorti f'din l-azzjoni stante illi ma jikkostitwixxix egħmil amministrattiv, din il-Qorti ser tastjeni milli tikkonsidra dan l-ilment tar-rikorrent;

84. Fit-tieni lok, imbagħad, f'dik illi hija l-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamentari tal-pjan PC 0055/10/17, illi ngħatat biss b'firma datata Ġunju 2015, il-Qorti hija tal-fehma illi r-raġuni illi għaliha kien approva l-pjan kif rivedut kienet diġa tirriżulta mill-*position statement*, u cioe illi, *"This serves to ensure consistency throughout the same site and also enhances continuity between successive Administrations. Kindly ensure that no discrimination within the same site zoning conditions arise."*[36];

85. L-Artikolu 58 tal-Kap 502 ma jimponix obbligu sabiex terġa' ssir konsultazzjoni pubblika wara illi jkun hemm nuqqas ta' qbil mal-proposta da parti tal-Ministru, b'dana għalhekk illi ma jistax jingħad illi ma ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali f'dan ir-rigward. Din il-Qorti tifhem illi l-Awtorita' ma kinitx ser terġa' tagħmel eżerċizzju ta' konsultazzjoni

[36] **Dok LG5** a fol 150 tal-proċess

pubblika minn jeddha ġialadarba mhux impost fuqha mil-liġi l-obbligu jew id-diskrezzjoni illi tagħmel dan, b'dana għalhekk illi, din tiġi kwestjoni dwar jekk il-proċedura stabbilita fil-liġi hijiex waħda illi tirrispetta l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u cioe kwestjoni illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, tmur oltre l-mertu u l-parametri tal-azzjoni odjerna;

86. Jirriżulta għalhekk illi, fi kwalunkwe każ, l-ilment rikorrenti f'dan ir-rigward lanqas jissustixxi;

87. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti ma ssibx illi l-għemil amministrattiv, u cioe l-approvazzjoni tal-pjan emendat ta' Ġunju 2015 kien *ultra vires* ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u sejra tgħaddi għalhekk sabiex **tiċħad** l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti, u **tastjeni milli tieħu konjizzjoni** tat-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti peress illi huma konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa' *in parte* r-raba' eċċezzjoni sollevata mill-Awtorita' tal-Ippjanar u t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Onor Prim Ministru et** u tiddikjara li l-*position statement* tas-Segretarju Parlamentari intimat datat 6 ta' Jannar 2015 ma jikkostitwixxix għemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-bqija tiċħad l-istess żewġ eċċezzjonijiet in kwantu jagħmlu referenza għad-deċiżjoni t'approvazzjoni tal-pjan emendat (PC 0055/10/17);

(ii) **Tiċħad** l-ewwel u t-tieni talbiet rikorrenti; u konsegwentement

(iii) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talbiet rikorrenti;

(iv) **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati sa fejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija**.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**